MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1049/2002

**Citzzjoni numru 1049/2002**
**Bank of Valletta plc**
**Vs**
**First Foods Limited**
**Il-Qorti;**
**Rat ic-citazzjoni li biha wara li il-Bank attur ippremetta:-**

Illi is-socjeta attrici B:ank of Valletta p.l.c. tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta First Foods Limited fis-somma ta’ erbgha u tletin elf, mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm34,125) import ta’ seba’ (7) kambjali migbuda mis-socjeta July 47 Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta mittenti, liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fis-6 ta’ Ottubru, 2000, 6 ta’ Novembru, 2000, 6 ta’ Dicembru, 2000, 6 ta’ Jannar 2001, 6 ta’ Frar, 2001, 6 ta’ Marzu, 2001 u 6 ta’April, 2001 rispettivament (Dok. Al sa A7) flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament.

Illi dawn is-seba (7) kambjali immaturaw u ma gewx imhallsa mis-socjeta konvenuta First Foods Limited;

Illi is-socjeta konvenuta giet interpellata permezz ta’ ittra ufficcjali datata 9 ta’ Awissu, 2001 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u immarkata Dok B, sabiex thallas dawn il-kambjali skaduti fuq imsemija, izda din baqghet inadempjen ti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut fil-fehma tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet axia tressaq f’din il-kawza u li ghalhekk tista tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta l-artikolu l67 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni uProcedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet.

Talab ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu l67 et seq. Tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet;
2. Tikkundanna lis-socjeta First Foods Limited thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’’erbgha u tletin elf, mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm34,125),import ta’ seba (7) kambjali skaduti u mhux imhallsa (Dok Al sa A7), liema kambjali gew migbuda mis-socjeta July ’47 Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta attrici, flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri ;mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes komprizi ;dawk tal-itra ufficjali datata 9 ta’ Awissu, 2001, u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra s-socjeta konvenuta li giet ingutna ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talba tal-Bank attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kif mitluba kontra is-socjeta konvenuta.